



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11692/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0273(NLE)**

**ENER 440
ATO 44
POLCOM 162
FDI 26**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 447 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 447 final.

Mehmuż: COM(2023) 447 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.7.2023
COM(2023) 447 final

2023/0273 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni relatata mal-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, f'konformità mal-Artikolu 47 ta' dak it-trattat.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE) huwa ftehim kummerċjali u ta' investiment multilaterali applikabbli għas-settur tal-enerġija, li ġie ffirmat fl-1994 u li daħal fis-seħħ fl-1998. It-TKE fih dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investimenti, il-kummerċ u t-tranżitu fil-materjali u l-prodotti tal-enerġija, u mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim. It-TKE jistabbilixxi wkoll qafas għall-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-enerġija bejn l-54 Parti Kontraenti tiegħu. L-Unjoni Ewropea hija Parti Kontraenti għat-TKE¹, flimkien mal-Euratom, is-26 Stat Membru tal-UE (mit-8 ta' Mejju 2023)², kif ukoll il-Ġappun, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi mill-Balkani tal-Punent u tal-eks USSR, bl-eċċezzjoni tar-Russja³ u l-Belarużja⁴.

2.2. Modernizzazzjoni tat-TKE: l-eżitu tal-proċess u s-sitwazzjoni attwali

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe aġġornament sostanzjali tat-TKE mis-snin 90, it-TKE kulma jmur sar iktar antikwat. Sar ukoll wieħed mill-aktar trattati ta' investiment ikkontestati fid-dinja, fejn l-Istati Membri tal-UE jkunu l-mira ewlenija ta' talbiet mill-investituri, il-biċċa l-kbira tagħhom ibbażati f'pajjiżi oħra tal-UE. B'risultat ta' dan, f'Novembru 2018 inbeda proċess ta' modernizzazzjoni. L-ewwel, il-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija approvat lista ta' suġġetti għad-diskussjoni, l-aktar dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-investimenti. Imbagħad, l-UE pproponiet it-tneħħija ta' din il-protezzjonijiet għall-investimenti fil-fjuwils fossili, biex it-TKE jsir konformi mal-Ftehim ta' Pariġi.

Wara 15-il sessjoni ta' negozjati multilaterali li saru bejn Lulju 2019 u Ġunju 2022, intlaħaq "ftehim fil-prinċipju" biex jingħalqu n-negozjati fil-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022, li saret fi Brussell.

Il-Kummissjoni jidhrilha li l-eżitu nnegozjat huwa konformi mal-mandat li rċeviet mill-Kunsill.

It-test rivedut tat-TKE u l-Annessi tiegħu għaddew minn rieżami legali, u l-abbozzi tad-deċiżjonijiet finali li fihom it-testi riveduti u l-modalitajiet għad-dħul fis-seħħ tagħhom (flimkien imsejħa "il-pakkett ta' modernizzazzjoni") ġew kondiviżi fid-19 ta' Awwissu 2022 mal-Partijiet Kontraenti kollha — inkluż l-UE, il-Euratom, u l-Istati Membri kollha tal-UE li huma Partijiet Kontraenti għat-TKE.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, pp. 1-116).

² Kollha, minbarra l-Italja li ħarġet unilateralment fl-2015. Franza, il-Ġermanja u l-Polonja wkoll bdew proċedura tal-ħruġ f'Diċembru 2022, li se twassal għall-ħruġ effettiv tagħhom mit-Trattat mill-Karta tal-Enerġija sa Diċembru 2023.

³ Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Federazzjoni Russa.

⁴ Il-Konferenza straordinarja tal-Karta tal-Enerġija tal-24 ta' Ġunju 2022 irtirat l-istatus ta' osservatur tal-Belarużja u l-applikazzjoni provviżorja tat-TKE mill-Belarużja.

Dak iż-żmien, il-ħsieb kien li l-“pakkett ta’ modernizzazzjoni” jiġi elenkat għall-adozzjoni fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija fit-22 ta’ Novembru 2022. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti għal żewġ deċiżjonijiet skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE u l-Artikolu 101 tat-Trattat Euratom rispettivament, bil-ħsieb li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f’isem l-Unjoni u f’isem il-Euratom fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni li tenfasizza l-ħtieġa li jiġi eliminat ir-riskju ta’ kunflitt bejn it-Trattati u t-TKE, kif interpretat minn xi tribunali tal-arbitraġġ, li sostnew li t-TKE japplika għal tilwim intra-UE. Jekk tiġi kkonfermata mill-qradi ta’ pajjiż terz, dik l-interpretazzjoni tinbidel *de facto* f’kunflitt legali minħabba li d-deċiżjonijiet ta’ arbitraġġ li jiksru d-dritt tal-UE jiċċirkolaw fl-ordinamenti ġuridiċi ta’ pajjiżi terzi. Il-proposti mressqa quddiem il-Kunsill issuġġerew li l-UE u l-Euratom jappoġġaw l-adozzjoni tal-“pakkett ta’ modernizzazzjoni” fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija. Madankollu, dawn il-proposti ma ġewx adottati mill-Kunsill, minħabba l-astensjoni ta’ minoranza li timblokka ta’ erba’ Stati Membri (il-Ġermanja, Franza, Spanja u n-Netherlands) fil-laqgħa tal-COREPER tat-18 ta’ Novembru 2022. B’riżultat ta’ dan, il-“pakkett ta’ modernizzazzjoni” tneħħa mill-aġenda tat-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija u l-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ma ġietx adottata. Sadanittant, it-Trattat attwali u mhux modernizzat jibqa’ japplika għall-UE, għall-Euratom, u għall-Istati Membri kollha li huma parti għat-TKE fir-relazzjonijiet tagħhom ma’ partijiet kontraenti oħra. Barra minn hekk, il-proċedimenti biex jinkisbu u jiġu infurzati d-deċiżjonijiet maħruġa mit-tribunali allegatament stabbiliti skont l-Artikolu 26 tat-TKE f’tilwim intra-UE għadhom għaddejnin bla heda.

2.3. Is-sitwazzjoni attwali u t-triq ’il quddiem issuġġerita

Fin-nuqqas tad-deċiżjonijiet tal-UE u tal-Euratom, l-UE u l-Euratom ma jistgħux jieħdu sehem f’votazzjoni dwar l-adozzjoni tal-pakkett ta’ modernizzazzjoni f’laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija. Bħala regola, meta tivvota f’Konferenza tat-TKE, l-Unjoni jkollha għadd ta’ voti ekwivalenti għall-għadd ta’ Stati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għat-TKE. Mingħajr il-parteċipazzjoni tal-UE u tal-Euratom f’din il-votazzjoni, il-kworum tal-votazzjoni fil-Konferenza ma jintlaħaqx, u l-pakkett ta’ modernizzazzjoni ma jkunx jista’ jiġi adottat.

Fil-Kunsill, ma hemm l-ebda maġġoranza kwalifikata għal deċiżjoni tal-UE jew tal-Euratom li tippermetti lill-UE u lill-Euratom jieħdu sehem fil-votazzjoni f’laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija billi jappoġġaw l-adozzjoni tal-pakkett ta’ modernizzazzjoni.

Barra minn hekk, minkejja l-kwistjoni tal-adozzjoni tal-pakkett ta’ modernizzazzjoni mill-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, id-dħul fis-seħħ jew l-applikazzjoni proviżorja ta’ Trattat modernizzat ikun jeħtieġ il-kunsens tal-Parlament Ewropew, li ddikjara b’mod ċar li ma jappoġġax ir-riforma tat-Trattat u jappella lill-UE u lill-Istati Membri biex jorganizzaw ħruġ ikkoordinat mit-TKE⁵.

Għaldaqstant, ma hemm l-ebda perkors legali u/jew istituzzjonali biex il-modernizzazzjoni tat-TKE tiġi adottata u tipproduċi l-effetti tagħha, li hija kundizzjoni għall-UE biex tibqa’ parti għat-Trattat.

Li tibqa’ Parti Kontraenti għat-TKE attwali u mhux modernizzat mhijiex għażla għall-UE jew l-Istati Membri tagħha, peress li t-Trattat attwali u mhux modernizzat mhuwiex konformi mal-politika u d-dritt tal-UE dwar l-investiment u mal-għanijiet tal-UE dwar l-enerġija u l-klima.

⁵ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Novembru 2022 dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

Id-dispożizzjonijiet tat-Trattat fir-rigward tal-protezzjoni tal-investment, inkluż il-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn investituri u stati (ISDS), mhum iex konformi mal-approċċ tal-UE għall-protezzjoni tal-investment. B'mod partikolari, it-TKE mhux modernizzat mhuw iex kompatibbli mal-prinċipju tal-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, peress li ma jinkludix uħud mis-salvagwardji identifikati mill-Qorti fl-opinjoni tas-CETA biex jiġi konkluż li d-deċiżjonijiet ta' arbitraġġ ma jkollhomx “l-effett li jipprevjenu lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni milli joperaw skont il-qafas konstituzzjonali tagħha”⁶.

Barra minn hekk, il-protezzjoni mogħtija lill-fjuwils fossili, bil-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq u għal perjodu ta' żmien illimitat, ma taqbilx mal-oġettivi tal-UE kif definiti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, fil-Pjan REPowerEU, jew fil-Liġi dwar il-Klima — jiġifieri: li titħaffef il-bidla mill-fjuwils fossili u lejn l-enerġija rinnovabbli, li tinkiseb indipendenza akbar fl-enerġija, tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija tal-UE, u, mhux l-inqas, jitwettaq l-impenn li jitnaqqsu l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030 u li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050.

B'riżultat ta' dan, il-ħruġ tal-UE mit-TKE huwa l-unika soluzzjoni disponibbli.

3. BAŻI ĠURIDIKA

3.1. Natura u kuntest tal-proposta

Il-proposta tal-Kummissjoni tikkonċerna deċiżjoni tal-Kunsill relatata mal-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija skont l-Artikolu 47(1) ta' dak it-trattat.

L-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni mill-Kunsill, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE, tippermetti lill-Kummissjoni tagħti notifika bil-miktub lid-Depożitarju tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (jiġifieri r-Repubblika tal-Portugall) dwar il-ħruġ tagħha mit-Trattat skont l-Artikolu 47.1 tat-TKE.

Skont l-Artikolu 47(2) tat-TKE, il-ħruġ tal-Unjoni għandu jidħol fis-seħħ mal-iskadenza ta' perjodu ta' sena mid-data li fiha d-Depożitarju jirċievi n-notifika, jew f'data aktar tard li tista' tkun speċifikata fin-notifika dwar il-ħruġ.

Skont l-Artikolu 47(3) tat-TKE, id-dispożizzjonijiet tat-TKE għandhom ikomplu japplikaw għall-investimenti li jsiru fl-Unjoni minn investituri ta' Partijiet Kontraenti oħra, jew fil-Partijiet Kontraenti l-oħra mill-investituri tal-Unjoni, għal perjodu ta' 20 snin mid-data tal-ħruġ tal-Unjoni mit-TKE. L-Artikolu 47(3) tat-TKE ma jkollu **l-ebda impatt** fuq ir-relazzjonijiet intra-UE, li għalihom it-TKE la qatt applika, la applika u lanqas mhu se japplika, u dan jinkludi l-Artikolu 47(3) tiegħu. Madankollu, kif innutat fil-Komunikazzjoni msemmija hawn fuq, hemm riskju ta' kunflitt legali li jrid jiġi eliminat. Il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li t-tweġiba xierqa hija li jiġi adottat strument li huwa “ftehim sussegwenti bejn il-partijiet rigward l-interpretazzjoni tat-trattat jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu” fis-sens tal-Artikolu 31(3)(a) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati (KVLT), fost l-Istati Membri, l-Unjoni u l-EURATOM. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli għaddejja bin-negozjati tat-test ta' dan il-ftehim li, ladarba jitlestew, ikunu s-suġġett ta' proposta għall-konklużjoni tal-ftehim sussegwenti f'isem l-Unjoni u l-EURATOM. Il-kodifikazzjoni tal-interpretazzjoni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha fi trattat separat (xi ħaġa li hija possibbli minħabba n-natura bilaterali tal-obbligi), hija dejjem aktar urġenti fin-nuqqas tal-modernizzazzjoni tat-TKE li kieku kienet tinkorpora fit-test innifsu u permezz ta' klawżola “għal ċertezza akbar”, il-ftehim tal-Partijiet Kontraenti kollha li l-Artikolu 26 tiegħu ma japplikax intra-UE.

⁶ L-Opinjoni 1/17, paragrafi 152-161.

3.2. Bażi ġuridika proċedurali

3.2.1. Prinċipji

Deċiżjoni tal-Unjoni li ttemm ftehim internazzjonali u toħroġ minnu trid tiġi adottata fuq l-istess bażi ġuridika, u skont l-istess proċedura, bħal deċiżjoni li tikkonkludi dak il-ftehim f'isem l-Unjoni. Għalhekk, biex l-Unjoni ttemm it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u toħroġ minnu jeħtieġ li tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

Skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE, “Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim. *Minbarra meta l-ftehim jikkonċerna esklużivament il-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kunsill għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim:* a) *wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-każijiet li ġejjin: [...] v) ftehim li jkopri l-oqsma li għalihom tapplika l-proċedura leġislattiva ordinarja jew il-proċedura leġislattiva speċjali meta jkun meħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.*”

3.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija mhuwiex ftehim li jirrigwarda esklużivament il-politika estera u ta' sigurtà komuni. It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija huwa minflok ftehim li jkopri s-suġġetti li tapplika għalihom il-proċedura leġislattiva ordinarja. Għalhekk, il-konklużjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija mill-Unjoni tkun teħtieġ deċiżjoni tal-Kunsill wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

Deċiżjoni tal-Unjoni li ttemm it-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u toħroġ minnu trid tiġi adottata fuq l-istess bażi ġuridika, u skont l-istess proċedura, bħal deċiżjoni li tikkonkludi dak il-ftehim f'isem l-Unjoni.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

3.3. Baży ġuridika sostantiva

3.3.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u l-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak prinċipali, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE trid tissejjes fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jeżiġi l-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jsegwi għadd ta' oġġettivi f'daqqa, jew li għandu diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-baży ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE jkollha tinkludi, eċċezzjonalment, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

3.3.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-att previst għandu oġġettivi u komponenti fil-qasam tal-enerġija u tal-politika kummerċjali komuni. Dawn l-elementi tal-att previst huma marbuta b'mod inseparabbli ma' xulxin u l-ebda wieħed mhu inċidentali għall-ieħor.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta tikkonsisti mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikoli 194(2) u 207(4), l-ewwel subparagrafu tat-TFUE.

3.4. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikoli 194(2) u 207(4), l-ewwel subparagrafu, tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) u 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁷,

Billi:

- (1) It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom⁸ u daħal fis-seħħ fis-16 ta' April 1998.
- (2) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe aġġornament sostanzjali tal-Ftehim mis-snin 90, il-Ftehim kulma jmur sar dejjem iktar antikwat.
- (3) Fl-2019, il-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim daħlu f'negozjati bl-għan li jimmodernizzaw il-Ftehim biex jallinjawh mal-prinċipji tal-Ftehim ta' Pariġi⁹, mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli u mal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma' standards moderni tal-protezzjoni tal-investimenti.
- (4) Il-partijiet Kontraenti kkonkludew in-negozjati fl-24 ta' Ġunju 2022. L-eżitu nnegozjat kellu jiġi adottat fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija fit-22 ta' Novembru 2022.
- (5) Qabel il-laqgħa tal-Konferenza, l-Unjoni ma setgħetx issib pożizzjoni komuni dwar il-modernizzazzjoni tal-Ftehim.
- (6) Fin-nuqqas ta' pożizzjoni tal-Unjoni, huwa impossibbli li l-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija tadotta l-Ftehim modernizzat. Il-Ftehim attwali mhux modernizzat ikompli japplika għall-Unjoni, minkejja l-fatt li mhuwiex konformi mal-politika u d-dritt tal-Unjoni dwar l-investiment, inkluż b'mod partikolari l-prinċipju tal-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, u mal-għanijiet tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima.
- (7) Għalhekk, mingħajr ebda alternattiva oħra, jeħtieġ li l-Unjoni toħroġ mill-Ftehim.
- (8) Skont l-Artikolu 47(1) tal-Ftehim, Parti Kontraenti tista' tagħti notifika bil-miktub tal-ħruġ tagħha mill-Ftehim lid-Depożitarju tal-Ftehim, jiġifieri r-Repubblika Portugiża

⁷ ĠU C ..., ..., p. ... / Il-kunsens ta' ... (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni 98/181/KE, KEFA, Euratom tat-23 ta' Settembru 1997 rigward il-konklużjoni, mill-Komunitajiet Ewropej, tat-Trattat fuq iċ-Charter tal-Enerġija u l-Protokoll taċ-Charter tal-Enerġija dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-aspetti ambjentali relatati (ĠU L 69, 9.3.1998, p. 1).

⁹ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.

[Ara <https://publications.europa.eu/code/mt/mt-370100.htm>]. Skont l-Artikolu 47(2) tal-Ftehim, dan il-ħruġ jidħol fis-seħħ mal-iskadenza ta' perjodu ta' sena mid-data li fiha d-Depożitarju jirċievi n-notifika.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha toħroġ mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha, f'isem l-Unjoni, tagħti notifika bil-miktub f'konformità mal-Artikolu 47(1) tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*